MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Talba Numru. 96/2007

**Michael Attard Ltd (C32362)**

**Vs**

**Kevin Borg (I.D. 468282M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta’ Frar 2007, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u seba` u sittin Liri Maltin u erba` u sebghin centezmu (Lm867.74), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax mid-data ta’ l-ittra ufficjali u bl-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenuta iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenuta naqas u ma deherx la fis-seduta tat-3 ta’ April 2007, meta gew pprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmien mija u seba` u sittin Liri Maltin u erba` u sebghin centezmu (Lm867.74), bl-imghax kif mitluba u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut, b’dan illi din is-sentenza ghanda tigi reza ezegwibbli biss wara illi jkunu gew depositati permezz ta’ nota fl-atti ta’ din il-kawza, is-sittax il-kambjala msemmija fl-Avviz, fl-orginal taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------